**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 04**

**Data:** **7 ta' Awissu, 2019**

**Hin:** **10.15am**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

04.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

04.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

04.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

04.5 Korrispondenza u Rapporti;

04.6 Xiri ta' *Electric Car – Seven Seater;*

04.7 Tindif ta' *Wires* u *Cables* mil-lokalita';

04.8 *Traffic Management Plan* u Tibdil ta' Tabelli fl-Gharb;

04.9 *Access Control System* – Grawnd Perit Wigi Portelli;

04.10 Manutenzjoni Trakka tal-Giri;

04.11 Approvazzjoni tal-Kitba tal-Opera – Novembru 2019;

04.12 Tnedija ta' Studju dwar is-Sahha fil-Komunita';

04.13 Xiri ta' Bins u Bankijiet ghall-Pjazza taz-Zjara tal-Madonna;

04.14 Xiri ta' Kompjuters godda;

04.15 Skrivan/a – Part-Time Flexible Hours;

04.16 Rijabilitazzjoni ta' Wied ta' Jodros;

04.17 Ambaxxatur V16;

04.18 Deputat Segretarju Ezekuttiv;

04.19 Skeda ta' Pagamenti;

04.20 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**04.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

04.1.1 Ma kien hemm ebda' ittra ta' apologija.

**04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

04.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**04.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

04.3.1 Is-Sindku ta aggornament mill-ahhar laqgha tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li kellu talba ghal ghajnuna mill-kordinatur ta' skola Sajf fejn il-Kunsill gie mitlub jghin f'attivita' li ser issir tal-fuhhar. Il-Kunsill qabel li jaghti l-ghajnuna tieghu ghal din l-attivita'.

04.3.2 Is-Sindku qal li skond kif pjannat fil-programm ta' hidma ghal dawn il-hames snin li gejjin gewwa l-lokalita' ser jigu imhawla 1500 sigra minn kumpanija u dawn jixtiequ li l-attivita' ssir bejn l-20 u 27 ta' Ottubru.

Is-Sindku kompla jispjega li l-Kunsill applika ghal sistema ta' irrigazzjoni fejn ser ikun hemm ilma ghas-sigar li ser jithawlu. Gew diskussi l-postijiet fejn jistghu jitwahhlu l-ewwel sigar fejn is-Sindku ppropona l-area ta' madwar il-grawnd tal-futbol, Dahlet Maxwell Triq Ta' Sdieri, Wied il-Mielah u Triq Trux, Triq l-Gharb. Is-Sindku innota li peress li m'hemmx flus ghal xiri ta' planters l-ahjar li jithawlu fl-art. F'kaz li l-Kunsill jiddeciedi mod iehor allura jridu l-planters mill-fondi tal-Kunsill u f'kaz ikun allokat fil-budget tas-sena d-diehla. Kien suggerit li dawn jinxtraw minn xi skema. Kien suggerit li jithawlu sigar fil-pjazza pero' kien konkluz li dawn ihammgu u joholqu inkonvenjent. Is-Sindku ssugerixxa li din l-attivita' tista' ssir b'program zghir bil-kollaborazzjoni ta' l-Iskola Primarja. Il-Kunsill kompla d-diskussjoni fejn kien hemm qbil unanimu li din l-attivita' ghandha ssir kif jitlesta' l-kite festival.

04.3.3 Is-Sindku ssugerixxa li fl-Gharb ikollna s-2nd Class Water. Huwa qal li fil-prezent hemm biss sa San Niklaw u ghaldaqstant issugerixxxa li dan jasal sa Wied il-Mielah u saz-zona ta' San Dimitri. Fil-prezent jidher ukoll li ftit persuni biss qeghdin jibbenifikaw minn din l-iskema. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta fejn qabel unanimament li ghandu jikkorispondi mall-Water Service Corporation sabiex jibda' jinghata s-servizz kif diskuss.

04.3.4 Is-Sindku aggorna lill-membri dwar ix-xogholijiet fi Triq il-Madonna tal-Virtut. Huwa qal li saret laqgha fuq il-post kif kien spjega li ser isir precendentament fejn minn din il-laqgha rrizulta li l-Water Services Corporation kien ser ikabbru l-manholes taghhom u jissorveljaw il-majnijiet tad-drenagg sabiex tissolva l-problema li hemm fil-prezent. Gie spjegat li dan ix-xoghol ghandu suppost isir mill-iktar fis possibli sabiex il-Kunsill ikompli bix-xoghol fuq il-wicc tat-triq.

04.3.5 Is-Sindku qal li fil-Pjazza taz-Zjara tal-Madonna hemm problema f'residenza numru 94 minhabba li qed jidhol l-ilma fid-dar fix-xhur tax-xitwa. Is-Sindku spjga li r-residenta tixtieq li ssir xi tip ta' gutter pero' kien ghada mhux certa xi trid. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji sabiex tissolva l-problema biex xoghol ghandu issir direct order sa kemm ma jinqabis l-ammont stabilit ta' Euro 5900 taxxi inkluzi.

04.3.6 Is-Sindku spjega li peress li l-laqgha tal-Kunsill issir darba fix-xahar qed tinholoq il-problema li l-kontijiet tal-*utilities bhal eletriku, ilma u*

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

*telephone qed ikunu affetwati l-pagament taghhom peress li dawn iridu jithallsu fil-hin.* Ghaldaqstant sabiex jigu evitati problemi kien maqbul unanimament li dawn ghandhom jithallsu permez ta' direct debit filwaqt li l-kontijiet xorta ikunu imnizzla fix-shedule of payments u imressqa fil-laqgha segwenti.

04.3.7 Is-Sindku spjega li wasal ilment dwar *parking* fi Sqaq Papa Klement XIV. Il-Kunsill qed ikun mitlub li jorganizza il-parkegg ahjar permezz ta' *parking bays* ecc. Joseph Mizzi qal li huwa ukoll kellu lmenti tal-istess tip. Kien spjegat li fejn ikun hemm *garage* hemm ligi li tistipula sinjali sofor b'metru mill-bieb tal-*garages*. Kien hemm qbil li ma ghandhomx issiru l-*parking bays* ghax dawn inaqqsu l-parkegg. Kien innutat li qed jithallew tankijiet u barrikati biex izommu parkegg. Dan qed isir b'ksur ta' ligi u ghaldaqstant ghanda tingibed l-attenzjoni li l-gwardjani lokali ser jispezzjonaw z-zona.

Is-Sindku qal li l-istess problema tinsab fi Triq Dun Alwig Mizzi fejn qed issir talba sabiex isiru *parkings bays*. Kien ssugerit li jigu kkuntatjati r-residenti fejn tintalab l-opinjoni taghhom f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

04.3.8 Is-Sindku qal li Jum l-Gharb jista' jsir fil-gurnata tas-soltu jigifieri fid-29 ta' Awissu u dan peress li ddecieda li jsiefer gurnata wara l-grupp tal-infjoraturi.

Diskussjoni dwar in-nominazzjonijiet ta' rikonoxximent kif segwenti:

Nominazzjoni Premju Gharb: Is-Sindku nnomina lil Manuel Cauchi li huwa persuna mill-Gharb intiza fil-qasam tat-teatru. Il-Vici Sindku is-sekonda in-nomina. Il-Kunsill qabel ma' din in-nominazzjoni.

Nominazzjoni Volontarjat Lokali: Is-Sindku nnomina lil Joseph Cauchi peress li dan jiehu hsieb il-kappella taz-zejt u anke lin-nanna tieghu. Miriam Borg issekondat in-nominazzjoni. Il-Kunsill qabel ma' din in-nominazzjoni.

Nominazzjoni Premju Qlub Generuzi: Is-Sindku innomina lil Maryanne Micallef u Joseph Mizzi is-sekonda in-nomina. Il-Kunsill qabel ma' din in-nominazzjoni.

Nominazzjoni Gozo Cultural Award: Is-Sindku qal li dan il-premju mhux bilfors ikun xi hadd mir-rahal. Min-naha tieghu ssugerixxa lil Daniel Cilia

u lil Alvin Scicluna. Joseph Mizzi innomina lil Stefan Azzopardi pero' kien innutat li Azzopardi kien diga inghata dan premju. Gew diskussi n-nomini fejn il-Kunsill qabel li ghandu jigi moghti lil Daniel Cilia.

Nominazzjoni Personal Achievement Award – Gie spjegat li dan il-premju jinghata lil persuna li taghmel l-almu taghha biex telgheb sitwazzjonijiet difficli li ghandha u jirnexxilha timmiljora l-posizzjoni personali taghha. Is-Sindku min-naha tieghu ssugerixxa lil Mario Zammit u l-Vici Sindku issekonda in-nominazzjoni. Il-Kunsill qabel ma' din in-nominazzjoni.

04.3.9 Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu pendenti l-ambaxxatur taz-zghazagh. Is-Sindku innomina lil Martha Saliba segwita b'Rachel Mizzi u Katrina Tabone. Gie spjegat li dawn iz-zaghzagh ikunu biss mistiedna ghal-laqghat tal-Kunsill sabiex iwasslu l-opinjoni ta' shabhom u jidhlu fid-diskussjoni pero' bil-ligi ma ghandhomx dritt ghall-vot. Il-Kunsill qabel man-nomini kif gew suggeriti.

04.3.10 Is-Sindku qal li kien hemm talba ghall-bankina quddiem ir-residenza 'Tower House' fi Triq Trux. Gie spjegat li peress li din tinvolvi spiza ragonevoli u ma kellha ebda urgenza hass il-htiega li din ghandha tersaq ghad-diskussjoni. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir din il-bankina.

04.3.11 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-applikazzjoni tan-network of town twinning ma' kienetx giet approvata u sadanittant qed jigi evalwat il-possibilita' li ssir applikazzjoni ohra f'Settembru.

04.3.12 Giet diskussa l-attivita' tal-European Mobility Week fejn il-Kunsill kien applika u gew moghtija l-ammont ta' €2500. Gie spjegat il-program fejn fost ohrajn ser issir *cycling lane* fi Triq il-Knisja fil-gurnata tat-22 ta' Settembru. Matul l-istess gimgha ser isiru attivitajiet ghat-tfal fosthom maratona kif ukoll mixi ghat-tfal fejn jitilqu mill-Pjazza, jieqfu quddiem l-iskola fejn tinghata spjegazzjoni dwar l-importanza tal-mixi u wara jibqghu sejrin fil-grawnd Perit Wigi Portelli fejn hemmhekk ikollhom attivita' li tinkludi preparazzjoni ta' *healthy food* u loghob ghalihom. Gie spjegat ukoll li l-Kunsill kien ghamel kuntatt ma professjonist f'dan il-qasam u qal li idejalment l-attivita' tat-tfal issir fost il-gimgha minhabba li fil-weekend ikollhom attivitajiet tal-giri. Tonio Mifsud issugerixxa sabiex ikun hawn disponibbli roti ghal kiri. Joseph Mizzi qal li huwa jaf lil xi hadd mill-Gharb li jikri l-rotti. Il-Kunsill qabel li ghandu jimxi mall-program filwaqt li Joseph Mizzi gie mitlub jghaddi n-numru tal-persuna konoxxenti minnu lill-Kunsill biex ikun jista' jigi kkuntatjat.

04.3.13 Is-Sindku qal li l-kumpanija li thaddem il-haddiema taht il-Community

Work Scheme qeghdin jitolbu li l-haddiema jkollhom uniformi bl-logo tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma’ din il-proposta u inkariga lis-Segreatju Ezekuttiv sabiex jahseb biex issir uniformi ghas-sajf u ohra ghax-xitwa.

04.3.14 Is-Sindku qal li kien hemm ilment fi Triq ta’ Sdieri fejn hemm l-arkata. Is-Sindku spjega li fejn kienet saret rampa tac-cement kien hemm bidwi li kellu problema sabiex jitla’ minn din iz-zona u ghaldaqstant kien qed jitlob li titranga din ir-rampa. Is-Sindku qal li b’kollox ikun hemm bzonn madwar 3.5 cub mt ta' konkos sabiex tissolva l-problema. Il-Kunsill qabel li la darba din hija art pubblika ghandu jissuplixxi l-materjal rikjest.

04.3.15 Is-Sindku qal li fis-snin precedenti l-Gharb Rangers FC kienu isiefru fuq training bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Ghaldaqstant huwa ssugerixxa li nassistu lil dan il-grupp billi ssir diskussjoni mall-Kunsill ta’ Niscemi fejn dawn ikunu jistghu jaghtu ghajnuna permezz ta’ ikel u akkomodazzjoni. Il-grupp normalment ikun ta’ madwar 20 player u jista’ jkun li jinghaqdu ohrajn maghhom. Il-Kunsill qabel unanimament fuq il-kuncett li jikkolabora ma’ l-Gharb Rangers u jkunu utilizzati l-fondi li kienu approvati lill-istess ghaqda meta inharget is-sejha ghall-NGO's.

04.3.16 Gie spjegat li parti mill-progett tar-Romania li fih il-Kunsill huwa imsieheb ser issir laqgha l-Grecja bejn it-18 u 20 ta’ Settembru. Il-Kunsilliera gew mitluba sabiex jekk huma interessati jinfurmaw mill-iktar fis possibli. Il-Vici-Sindku qal li huwa interessat.

## 04.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

04.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

## 04.5 Korrispondenza u Rapporti

04.5.1 Is-Sindku pogga fuq il-mejda r-rapporti ta’ l-offerti li gew sottomessi. Gie diskuss l-offerta’ tal-Perit fejn kien hemm offerta wahda biss u l-bord irrakomanda li din l-offerta’ tigi milqugha. L-offerta’ l-ohra kienet tal-Progett tal-Mizura 4.4 fejn kienet taqbez il-budget u ghaldaqstant il-bord kien irrakomanda li din tigi rifjutata. Il-Kunsill iddiskuta din l-offerta’ u qabel mar-rakkomondazzjoni tal-bord. Fl-istess waqt il-Kunsill qabel li peress li din it-tieni darba li qed tinhareg l-offerta’ u qatt ma nstab kuntratt, ghandu jigi kkuntatjat id-Direttur sabiex ix-xoghol jigi approvat ghal direct order jew kif ikun rakkomandat mil-istess direttorat.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

04.5.2 Gew diskussi l-applikazzjonijiet tal-MEPA. Is-Sindku spjega li dawn ma kienx ghandhom jintbghatu permezz tal-email u kienu imnizzla minn fuq il-website. Huwa spjega li bhala Kunsill kien dejjem mexa mal-policy li jekk mhux ODZ il-Kunsill ma jikkumentax u jekk tkun xi blokka ta' appartamenti jitlob li ssir kamra fil-faccata ghar-rimi ta' skart.

L-applikazzjonijiet kienu s-segwenti:

Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp PA/02076/19, PA/05422/19, PA/05471/19, PA/05499/19, PA/05596/19 u PA/05363/19.

04.5.3 Giet trattata korrispondenza minghand ir-rettur tas-Santwarju ta' Pinu fejn talab l-assistenza tal-Kunsill fl-okkazjoni ta' l-eghluq tas-sena marjana fejn ser isir kuncert fuq iz-zuntier tas-Santwarju. Is-Sindku spjega li ta' kull sena l-Kunsill jassisti lir-rettur permezz ta' l-istampar tal-leaflets. Il-Kunsill qabel li ghandu jkun partecipi f'din l-inizjattiva u jaghti l-ghajnuna tieghu f'dan ir-rigward.

## 04.6 Xiri ta' *Electric Car – Seven Seater*

04.6.1 Is-Sindku spjega li fil-prezent il-Kunsill ghandu zewg vetturi fejn bil-karozza, qed jigi offrut servizz lic-childcare centre u minhabba li l-karozza hija wahda zghira ghad-domanda qed ikun hemm bzonn li jsiru diversi vjaggi. Is-Sindku qal li jekk tinxtara karozza seven seater din ghanda tkun tajba ukoll ghal min huwa fil-wheelchair. Tonio Mifsud staqsa jekk hemmx fondi ghal dan. Is-Sindku qal li bhalissa hemm l-iskema tal-Permanent Measures u ser jesplora il-possibilita li li din tiddahal taht taht din l-applikazzjoni. Il-Kunsill iddiskuta' din il-materja u fuq osservazzjoni tal-vici Sindku kien deciz li jzomm il-vetturi ezistenti. Gie innotat li *seven seater* gdida jista ikun li tiswa madwar €80,000 filwaqt li second hand li ghada kif inxtrat mil-Kunsill Loakli ta' Ghajnsielem inxtrat ghal prezz ta' madwar €42,000. Tonio Mifsud issugerixxa sabiex issir talba lil ministeri li jistu joffru l-ghajnuna taghhom. Gie spjegat li ghalkemm it-talba tista' ssir huwa difficli li jkollok ghajnuna ghar-raguni li l-Ministeri ma jkollomx budget allokat ghal dan il-ghan. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li jissottometti l-applikazzjoni u isegwi bix-xiri jekk ma tintlaqax l-applikazzjoni fuq imsemmija.

## 04.7 Tindif ta' *Wires* u *Cables* mil-lokalita'

04.7.1 Is-Sindku qal li fil-lokalita' hemm numru ta' *wires* li qed ihammgu l-ambjent u m'hemmx uzu ghalihom. Huwa ssugerixxa li ssir talba lill-entitajiet fejn jigi diskuss maghhom it-tindif ta' dawn l-*wires* sabiex ir-residenti igawdu ambjent aktar nadif. Fil-prezent il-Kunsill jista' jaghti

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

bidu billi jidentifika z-zoni. Tonio Mifsud issugerixxa li ghandu iqabbad kuntrattur privat. Is-Sindku min-naha tieghu qal li l-Kunsill ma jaqbillux jidhol fi spiza u ghandu ifittex is-sapport tal-entitajiet sidien ta' l-infrastruttura inutli. Il-Kunsill qabel li ghandu jiddentifika z-zona flimkien mall-providituri tas-servizzi u jfassal pjan kif jistghu jitnehhew jew ikunu imwahhla f'posthom kif xieraq.

**04.8 *Traffic Management Plan* u Tibdil ta’ Tabelli fl-Gharb**

04.8.1 Is-Sindku ssugerixxa sabiex isir traffic management permezz ta’ kumpanija professjonali fejn isir studju u pjanijiet bi proposti li jistghu jigu pprezentati lil Transport Malta. Issemmiet il-problema ta’ *speeding* f'Triq l-Gharb fejn il-Kunsill jirrikonoxxi li din hija triq arterja u ghalhekk taqa’ taht ir-responsabilita’ tal-Gvern Centrali. Is-Sindku ssugerixxa li ghandha ssir evalwazzjoni kemm jigi jiswa dan l-istudju. Jekk tkun il-htiega ghandha tinhareg offerta’ sabiex tinstab kumpanija li taghmel dan ix-xoghol. Il-Kunsill qabel li dan l-istudju ghandu jinkludi fih konsultazzjoni pubblika. Il-Kunsill qabel ukoll li jara x’jirrizulta’ u sabiex ikun implimentat ghandu jkun allokat *budget* possibilment din is-sena jew ghas-sena d-diehla.

**04.9 *Access Control System* – Grawnd Perit Wigi Portelli**

04.9.1 Is-Sindku qal li t-trakka tal-giri u l-grawnd bit-turf sintetiku ghandhom access limitat hafna. Saret diskussjoni fejn gie innotat li l-access jista’ jsir permezz ta’ card u camera. Miriam Borg qalet li ghandhom isiru regolamenti sabiex ikun protett il-propjeta’. Is-Sindku ppropona xi punti li jistghu jigu nkluzi ghal min jitlob li jkollu access.

a) Il-persuna li jkollha l-card tkun responsabbli li jzomm il-gate maghluqa kif tidhol u tohrog;
b) Tkun responsabbli min jidhol maghha ghall-hsarat;
c) Roti u annimali mhux permessi fil-grawnd;
d) Il-hinijiet tal-ftuh;
e) Xorb huwa projbit apparti ilma pero’ ikun obbligat li jnaddaf warajh;
f) Jekk ikun hemm ksur tar-regolamenti jistghu jittiehdu passi legali.
g) li importanti li l-annimali ma jithallewx jidhlu.

Kien maqbul li l-arja ghada tkun sorveljata b'cctv cameras. Peress li din tinvolvi ammont ta' fondi kien issuggerit li ghal issa issir din necessarja u ghal bqija tinhareg sejha fil-futur sabiex wiehed ikun jista’ jahseb ghalihom mill-*budget* annwali. Sadanittant il-Kunsill diga ghandu ideja

ta’ kwotazzjoni fejn jidher li din is-sistema tigi tiswa’ madwar €1500 / €2000. Il-Kunsill qabel li sakemm ma jinqabisx il-limitu tad-*direct order* ghandu jmexxi.

**04.10 Manutenzjoni Trakka tal-Giri**

04.10.1 Is-Sindku qal li t-trakka tal-giri ghandha bzonn manutenzjoni urgenti u dan peress li ix-xoghol ma sarx kif mixtieq. Il-Kuntrattur huwa responsabbli minnha ghal hames snin kif mitlub mit-*tender*. Il-Kunsill precedenti ga ha azzjoni legali fejn il-kuntrattur kien infurmat bil-hsarat li fiha pero’ xorta’ naqas milli jirrispondi ghall-ittra legali. Il-Kunsill iddiskuta dan is-suggett fejn qabel li ghandu johrog offerta’ ghax-xogholijiet u l-flus jittiehdu mill-garanzija bankarja.

**04.11 Approvazzjoni tal-Kitba tal-Opera – Novembru 2019**

04.11.1 Is-Sindku qal li ghal opra li jmiss ser issir kif kien deciz fil-Kunsill precedenti fejn il-kitba issir minn Sebastian Saliba u l-muzika minn Ray Sciberras. Gie spjegat li l-awtur qed jitlob l-ammont ta’ €1200 filwaqt li ghall-muzika qed tintalab is-somma ta’ €2000. Gie spjegat li din is-sena l-opra ser tkun fuq l-istorja Ta’ Pinu peress li il-kwadru tal-Santwarju jaghlaq 400 sena mil-ezistenza tieghu.. Il-Kunsill qabel li jipprocedi b’din l-ispizza sabiex titella l-opra.

**04.12 Tnedija ta’ Studju dwar is-Sahha fil-Komunita’**

04.12.1 Is-Sindku qal li fil-programm ta' hidma ghal din il-legislatura huwa proponut li jsir studju fil-lokalita’ fejn jigi identifikat il-mard li l-iktar komuni li qed jimirdu bih ir-residenti sabiex il-Kunsill ikun jista’ johloq struttura u awareness sabiex tinholaq kuxjenza ssir aktar prevenzjoni. F’dan ir-rigward huwa ppropona li jkun hemm grupp professjonali li jahdem fuq din ir-ricerka u ghaldaqstant ghandu jigi avvicinat Professur mediku mill-Gharb assist mill-Universita’ ta’ Malta sabiex issir din ir-ricerka. Joseph Mizzi qal li huwa jaf b’persuna li tahdem l-Universita’ ta’ Malta li tista’ tkun ta’ ghajnuna u hu kien mitlub sabiex jghaddi l-informazzjoni li ghandu lis-Segretarju Ezekuttiv. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jitwaqqaf dan il-grupp rapprezentat mill-Professur mill-Gharb bhala chairman sabiex imexxi l-ideja tal-Kunsill.

Joseph Mizzi staqsa jekk bhala kunsilliera jistghux ikunu parti mill-bordijiet li jitwaqqfu. Is-Sindku spjega li rridu noqghodu attendi dwar id-data protection u l-konsegwenzi li jistghu jinholqu.

**04.13 Xiri ta’ Bins u Bankijiet ghall-Pjazza taz-Zjara tal-Madonna;**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

04.13.1 Is-Sindku qal li huwa kien iltaqa' ma' Joseph Mizzi responsabbli mill-indafa fejn iddiskutew 'Clean Up the World' u flimkien raw kif setghu jintefqu l-flus allokati li kienu jammontaw ghal €1000 kif ukoll l-2500 li kienu inaghtaw mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali mill-fond allokat mil-LESA. Gie spjegat li ghal din il-kampanja l-Kunsill kien applika sabiex jitnaddaf il-Wied ta' fejn ic-Cimiterju u l-parti tal-Wied wara l-belvedere fil-Wied ta' Gulja.

Barra minn hekk il-Kunsill kien infurmat li kienet diskussa l-kwistjoni ta' *smart bins* bhal ma installa l-Ministeru ghal Ghawdex f'hafna zoni. Tonio Mifsud semma ukoll il-bins ghall-hmieg tal-klieb. Waqt id-diskussjoni kien innutat li dawn jistghu joholqu magbra ta' skart madwarhom. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li s-sidien tal-klieb ghandhom ikunu responsabbli mill-klieb taghhom u bhal ma' familja bit-tfal zghar hija responsabbli hekk ukoll dawn ghandhom ikunu responsabbli. Kien ssugerit li ssir kampanja edukattiva dwar dan.

**04.14 Xiri ta' Kompjuters godda**

04.14.1 Is-Sindku qal li hemm bzonn ta' kompjuter gdid ghal ufficju tas-Sindku u l-kompjuter tal-iskrivani u ohrajn irid jigu *upgraded*. Il-Kunsill qabel li ghandu imexxi bix-xogholijiet necessarji.

**04.15 Skrivan/a – Part-Time Flexible Hours**

04.15.1 Is-Sindku spjega li l-Amministrazzjoni tal-Kunsill ghandha bzonn ta' skrivan iehor minhabba l-*bulk* ta' xoghol li hemm. Ghaldaqstant huwa ssugerixxa li tinhareg sejha ghall-skrivan fuq bazi part-time flexible hours. Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg din is-sejha.

**04.16 Rijabilitazzjoni ta' Wied ta' Jodros**

04.16.1 Dan il-punt gie imsemmi aktar 'il fuq.

**04.17 Ambaxxatur V16**

04.17.1 Dan il-punt gie imsemmi aktar 'il fuq.

**04.18 Deputat Segretarju Ezekuttiv**

04.18.1 Is-Sindku spjega li bil-ligi tal-Gvern Lokali kull Kunsill huwa obligat li jkollu Deputat Segretarju Ezekuttiv. Gie spjegat li l-Kunsill kien gie mitlub sabiex l-Iskrivan li qieghed fi skala 11 ghandu jigi mistoqsi jekk dan hux

qed jaccetta din il-kariga. Il-Vici Sindku semma jekk dan il-post jistax jimtela' mil-iskrivana ezistenti. Wara dan is-suggeriment s-Sindku nforma lill-Kunsill li f'din il-materja huwa ghandu interess personali u ghaldaqstant gie mitlub li jigi skuzat. Fl-istess waqt huwa talab lill-Vici Sindku sabiex jipprisiedi u hareg mill-kamra. Saret diskussjoni fejn giet spjegat li fil-Kunsill kien hemm skrivana wahda li kienet fi skala 11 u li setghet jekk taccetta tokkupa din il-kariga. Il-Kunsill qabel li ghandha tintalab lill-iskrivana jekk taccettax u f'kaz li taccetta tkun nominata hi bhala Deputat Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku gie imsejha lura fil-kamra u kompla jippresiedi l-laqgha.

**04.19 Skeda ta' Pagamenti**

04.19.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

04.19.2 Fuq punt iehor is-Sindku enfasizza li m'ghandha tittiehed ebda' inizjattiva ghan-nom tal-Kunsill minn xi membru tal-Kunsill jekk ma tkunx diskussa precedentament mas-Sindku u mas-Segretarju Ezekuttiv. Kull materja ghandha tigi approvata.

**04.20 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

04.20.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 4 ta' Settembru fl-11.00am.

04.20.2 Il-laqgha spiccat 12.35pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |